MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Numru. 196/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
RICHARD ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Richard Attard, ta’ 20 sena, bin Richard u Emanuela nee’ Buttigieg, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Dicembru 1981, u residenti 352, Triq Fleur De Lys, B’Kara, u detentur tal-karta tal-identita’ 662281(M), u akkuzat talli nhar is-17 ta’ Frar 2002, ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija, gewwa Triq il-Profs Walter Ganado, Pembroke, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ oggett, u cioe’ The New Millenium Dining Club, mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAI062, tal-ghamla Hyundai Accent, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’

Alexander Formosa, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikli 263, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittanta jikkometti serq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAI062, tal-ghamla Hyundai Accent, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, ghad-dannu ta’ Alexander Formosa, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikli 263, 267, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAI062, tal-ghamla Hyundai Accent, liema hsara tiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda mhux aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-dannu ta’ Alexander Formosa, u persuni ohra, u dan kollu bi ksur tal-Artiklu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-28 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet responsiva tal-imputat Richard Attard tal-15 ta’ Frar 2006.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta (ara xhieda a fol 7 et seq) illi l-Ufficjal Prosekutur kien gie nfurmat minn PS 69 Cremona illi kienu ghadhom kemm qabdu guvnott in flagrante jisraq minn go karozza f’Pembroke, u kien

maqbud mill-Pulizija li kienu qed jaghmlu ‘patrol’, u cioe’ minn WPC 185 Xuereb u minn PC 670. Illi l-ufficjali tal-Pulizija msemmija nnutaw zewg zghazagh li wiehed minnhom, kif induna bil-karozza tal-Pulizija, harab jigri minn fuq il-post, waqt illi l-iehor gie mizmum mill-istess PC 69 u WPC 185, u kien l-imputat. Meta saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, instab CD u ‘booklet’ go fih li jintitola lill-propjetarju ghal diversi offerti minn diversi ‘restaurants’ ma’ Malta kollha (ara dokument MS). Indunaw illi l-karozza, li minnha kienu qed jisirqu z-zghazagh, Hyundai Accent KAI062, kellha l-‘quarter window’ ta’ wara maqlugha.

Saret tfittxija aktar tard fir-residenza tal-imputat f’B’Kara, b’rizultat negattiv.

Meta l-Ufficjal Prosekutur kellem lill-imputat, dan qallu illi kien iltaqa’ ma’ persuna go bar gewwa Paceville, liema persuna kien diga’ ltaqa’ maghha darba ohra ftit qabel. L-imputat stqarr illi kien sejjer jiehu ‘lift’ lura d-dar ma’ dan il-persuna. Meta waslu vicin il-karozza, l-imputat qal illi din il-persuna qaltlu li nesiet ic-cwievet gewwa l-karozza u talab l-ghajnuna tal-imputat biex tinqala’ l-‘quarter window’. Wara li nqalghet din il-‘quarter window’, din il-persuna harget CD minn taht id-‘dashboard’ u ghadda lill-imputat l-istess CD (ara stqarrija a fol 18 u 19 dokument MS2).

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat stqarr illi huwa ma kellu ebda ideja illi l-persuna li maghha kien ser jiehu ‘lift’, (persuna b’isem ta’ Steve), kien ser jisraq mill-karozza.

Surgent Jesmond Cremona, a fol 21 et seq, ikkonferma x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, u qal illi huma accedew ghall-post fejn gara l-incident fuq informazzjoni anonima, li kien hemm zewg guvintur iduru ma’ karozza fix-Xatt ta’ San Gorg, Paceville. PS Cremona xehed testwalment hekk:

**‘Ahna tlajna fuq il-post u fuq in-naha tax-xellug fit-triq hawnhekk imsemmija fir-rapport, hemm qisu bhal**

**‘parking area’ u <u>rajna zewg guvintur jinhasdu minn fejn din il-karozza</u>.’**

Is-Surgent Cremona kkonferma illi huwa qabad lill-imputat u waqt li l-guvnott l-iehor telaq jigri minn fuq il-post segwit mill-Pulizija. PS Cremona xehed illi meta gie muri ‘pocket Millenium’ (dokument MS), l-imputat **ikkonferma li dak kien tieghu**. (ara xhieda a fol 22). Is-Surgent Cremona xehed illi meta huwa ghamel tfittxija fuq il-karozza, sab illi l-‘quarter window’ tal-lemin fuq in-naha ta’ wara, kienet maqlugha u meta staqsa lill-imputat jekk kellux x’jaqsam ma’ dan, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Nel frattemp, gie kkuntattjat il-propjetarju tal-karozza, l-imputat gie arrestat, waqt illi l-Pulizija bdew jaghmlu ricerka dwar l-identita’ tal-persuna li kienet titkellem fuqu l-imputat, cioe’ Steve mill-Marsa. Mill-‘age group’ illi tahom l-imputat, (cioe’ minn tmintax sa ghoxrin sena), irrizulta li kien hemm xi seba’ jew tmien persuni b’dawk il-partikolaritajiet, u dawn gew imsejjha biex jattendu l-ghassa, pero’ l-imputat ma kien kapaci jaghraf ebda wiehed minnhom.

In kontro ezami, a fol 25, is-Surgent Cremona nnega illi meta gew il-Pulizija fuq il-post, l-imputat ma ccaqlaqx minn fejn kien. Anzi jghid illi l-imputat resaq u beda jimxi lejn id-direzzjoni tat-triq l-opposta. Meta sejjhulu l-Pulizija pero’ waqaf u ma rrezistihomx.

WPC 185 Vanessa Xuereb, a fol 30, tikkonferma x-xhieda tas-Surgent Cremona, u tghid testwalment hekk:

**‘Rajna zewg guvintur mexjin, kif raw il-karozza tal-Pulizija <u>wiehed minnhom telaq jigri u l-iehor beda miexi</u>.’ (ara fol 30).**

WPC 185, a fol 32, ikkonfermat ukoll illi <u>Richard Attard kien l-ewwel qal li l-‘booklet’ tal-Millenium kien tieghu</u>, u mbaghad meta wasal is-sid tal-karozza fuq il-post, cioe’ Alexander Formosa, li kkonferma illi l-‘booklet’ u c-CD kienu tieghu, <u>l-imputat ma ghadda l-ebda rimarka</u>.

PC 670 Walter Sheldon, a fol 37 et seq, ikkonferma x-xhieda tas-Surgent Cremona u WPC 185, u a fol 38, xehed:

**'Kien hemm fil-vicinanzi dawn iz-zewg persuni li rajnihom jigru minn fejn il-vettura. F'daqqa wahda, lis-Sinjur Richard Attard waqaf x'hin rana, u l-iehor telaq jigri ghan-nizla.'**

Infatti, a fol 40, fuq domanda tad-Difiza, PC 670 xehed:

**'Dan (l-imputat) kien qed jigri, qednilu biex jieqaf u x'hin rana, waqaf ghax beza', l-iehor telaq jigri.'**

Jonathan Felthan, a fol 45, Direttur tal-Kumpanija Signal Communications Ltd, ikkonferma illi dokument MS kienet prodott mahrug mill-kumpanija tieghu, li l-prodott kellu numru specjali 4119, u mid-'data base' tal-klijenti tieghu, jidher illi dan kien propjeta' ta' Alex Formosa minn Hal Tarxien. Ikkonferma illi c-CD tiswa' ghaxar Liri Maltin (Lm10) biss.

PC 901 Christopher Attard, a fol 48, ikkonferma l-prezenza tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat.

Alexander Formosa, a fol 50, ikkonferma l-esebit MS bhala propjeta' tieghu, u kkonferma wkoll illi l-karozza KAI062 kienet propjeta' tieghu u li kien ipparkjaha Paceville fid-data in kwistjoni.

Sergio Camilleri, 'mechanic', ikkonferma l-istima tal-hsarat fuq il-karozza KAI062 propjeta' ta' Alexander Formosa. L-istima hija f'ammont ta' erba' u tmenin Lira u tlieta u sittin centezmu (Lm84.63) u tinstab a fol 17 tal-process.

Brian Farrugia, a fol 68, ikkonferma illi l-karozza KAI062 kienet propjeta' ta' Alexander Formosa, detentur tal-karta tal-identita' 169170(M).

A fol 70, Jonathan Felthan, ikkonferma illi l-informazzjoni li kellu dwar il-'card' ta' Alexander Formosa kien gabha mid-

‘data base’ tieghu u mhux ghax kellem lil Alexander Formosa.

Mill-kontro ezami ta’ PS 69 Cremona, a fol 72, l-istess Surgent ma ftakarx illi l-imputat kien qallu **‘isma’ jien ma sraqtx, jien kien hemm wiehed qalli li nghalqitlu c-cavetta fil-karozza’**.

Lanqas PC 670 ma ftakar dan il-kliem mill-imputat (ara fol 74).

Mill-kontro ezami ta’ Alexander Formosa, jirrizulta illi fuq dan il-‘card/CD’ ma kienx hemm il-firma tieghu.

In kontro ezami, WPC 85 innegat illi hija rat lill-imputat jiehu xi haga minn gol-karozza. Qalet ukoll illi l-imputat ma kienx tahom deskrizzjoni taz-zaghzugh l-iehor u li l-unika haga li qalilhom li kien jismu Steve mill-Marsa. Lanqas ma kien tahom spjegazzjoni dwar ic-CD, hlief illi kien qalilhom illi kienet tieghu.

L-imputat ghazel illi ma jixhidx u li ma jressaq ebda prova ohra.

Ikkunsidrat:-

Ghar-rigward tan-nota tad-Difiza, din il-Qorti ma taqbel xejn ma dak sollevat minnha. Fir-realta’, il-fatti tal-kaz kif elenkati fl-ewwel pagna tan-nota mhumiex korretti, kif certament mhijiex korretta s-sottomissjoni illi t-tlett Pulizija PS 69 Cremona, WPC 185 Vanessa Xuereb, u PC 670 Walter Sheldon taw tlett verzjonijiet illi huma kontradittorji. Dan huwa kaz fejn zewg zghazagh iddecidew illi jmorru jisirqu minn karozza ndikata, u nqabdu in flagrante mill-Pulizija wara illi persuna anonima infurmat lill-Pulizija illi kien hemm zewg persuni qed iduru u jmissu karozza f’Paceville, u tathom id-dettalji. Fortunatament, il-Pulizija kienu nizlu f’qasir zmien. Il-provi kollha jindikaw illi kif iz-zewg zghazagh raw il-karozza tal-Pulizija, **inhasdu**, wiehed telaq jigri u l-iehor mexa f’direzzjoni opposta. Dan l-agir da parti tal-imputat ma jsarrafx kif donnu tghid id-Difiza, f’innocenza, kif di fatti ma jsarrafx f’innocenza l-fatt

illi meta nstab fuqu l-esebit MS, l-imputat sahaq mall-Pulizija illi dik kienet propjeta' tieghu. Kien biss imbaghad fl-istqarrija illi qalilhom illi dan kien gie moghti lilu minn 'Steve'. Certament lanqas ma kien innocenti l-imputat meta stqarr ma' PS Cremona illi hu ma kellux x'jaqsam ma kif inqalghet il-'quarter window' meta fl-istqarrija ammetta illi zammha sakemm 'Steve' qalaghha.

Illi di piu', l-imputat ma ta ebda deskrizzjoni ta' dan 'Steve mill-Marsa' lill-Pulizija sabiex jghinhom anke fit-tfittxija tieghu, fl-istqarrija tieghu.

Il-Qorti ezaminat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, u taqbel ma' dak sollevat, u cioe' illi jirrizulta l-elementi kollha tas-serq.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tarax illi ghandha alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 261, 263, 267, 270, 271, 279, 280, 325, u 41 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputat taht ordni ta' 'probation', ghal perjodu ta' tlett snin, u ghal dan il-ghan qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services jew 'probation officer' iehor minnu nominat. Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi l-imputat huwa 'a first offender', illi r-res furtiva giet kollha ritornata, u in vista tal-eta' giovanili tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------